32006D0935

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

ta' l-14 ta' Diċembru 2006

li temenda l-Appendiċi B ta' l-Anness XII għall-Att ta' l-Adeżjoni ta' l-2003 fir-rigward ta' ċerti stabbilimenti fis-setturi tal-laħam, tal-ħut u tal-ħalib fil-Polonja

(innotifikata taħt dokument numru C(2006) 6498)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2006/935/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunitajiet Ewropej,

Wara li kkunsidrat l-Att ta' l-Adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, l-Estonja, Ċipru, l-Latvja, l-Litwanja, l-Ungerija, Malta, il-Polonja, is-Slovenja u s-Slovakkja, u b'mod partikulari l-Anness XII, Kapitolu 6, Taqsima B, Subtaqsima I(1), paragrafu (e) tiegħu,

Billi:

(1) Il-Polonja ngħatat perjodi tranżizzjonali għal ċerti stabbilimenti elenkati fl-Appendiċi B ([1]) ta' l-Anness XII għall-Att ta' l-Adeżjoni ta' l-2003.

(2) L-Appendiċi B ta' l-Anness XII għall-Att ta' l-Adeżjoni 2003 ġie emendat mid-Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni 2004/458/KE ([2]), 2004/471/KE ([3]), 2004/474/KE ([4]), 2005/271/KE ([5]), 2005/591/KE ([6]), 2005/854/KE ([7]), 2006/14/KE ([8]), 2006/196/KE ([9]), 2006/404/KE ([10]) u 2006/555/KE ([11]).

(3) Skond dikjarazzjoni uffiċjali mill-awtorità kompetenti Pollakka ċerti stabbilimenti fis-setturi tal-laħam, tal-ħut u tal-ħalib temmew il-proċess tagħhom ta' titjib u issa jinstabu f'konformità sħiħa mal-leġiżlazzjoni Komunitarja. Ċerti stabbilimenti waqqfu l-attivitajiet tagħhom li għalihom kienu kisbu perjodu tranżitorju. Dawk l-istabbilimenti għandhom għalhekk jitneħħew mil-lista ta' stabbilimenti li qegħdin fi tranżizzjoni.

(4) L-Appendiċi B ta' l-Anness XII ta' l-Att ta' l-Adeżjoni ta' l-2003 għandu għalhekk jiġi emendat skond dan.

(5) Il-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u Saħħet l-Annimali ġie infurmat bil-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI

Artikolu 1

L-istabbilimenti elenkati fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni tneħħew mill-Appendiċi B ta' l-Anness XII għall-Att ta' l-Adeżjoni ta' l-2003.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussel, 14 ta' Diċembru 2006.

Għall-Kummissjoni

Markos KYPRIANOU

Membru tal-Kummissjoni

([1]) ĠU C 227 E, 23.9.2003, p. 1392.
([2]) ĠU L 156, 30.4.2004, p. 52; il-verżjoni kkoreġġuta fil-ĠU L 202, 7.6.2004, p. 39.
([3]) ĠU L 160, 30.4.2004, p. 58; il-verżjoni kkoreġġuta fil-ĠU L 212 12.6.2004, p. 31.
([4]) ĠU L 160, 30.4.2004, p. 74; il-verżjoni kkoreġġuta fil-ĠU L 212 12.6.2004, p. 44.
([5]) ĠU L 86, 5.4.2005, p. 13.
([6]) ĠU L 200, 30.7.2005, p. 96.
([7]) ĠU L 316, 2.12.2005, p. 17.
([8]) ĠU L 10, 14.1.2006, p. 66.
([9]) ĠU L 70, 9.3.2006, p. 80.
([10]) ĠU L 156, 9.6.2006, p. 16.
([11]) ĠU L 218, 9.8.2006, p. 17.

ANNESS

Lista ta' stabbilimenti li għandhom jitneħħew mill-Appendiċi B ta' l-Anness XII għall-Att ta' l-Adeżjoni ta' l-2003

Stabbilimenti tal-laħam

Lista inizjali

Nru	Nru Veterinarju	Isem l-istabbiliment
116.	18030203	Firma Produkcyjno – Handlowa "MAXPOL"
134.	20140103	Ubojnia Trzody i Bydła W. Gołaszewski, M. Duchnowski
167.	24630304	Zakłady Miesne E. E. Pilsniak
175.	24700301	Zakłady Miesne Mysłowice "Mysław" Sp. z o.o
206.	30610201	Zakład Rzezniczo Wedliniarski, P. Łyszczak

Laħam tat-tjur ta' l-irziezet

Lista inizjali

Nru	Nru Veterinarju	Isem l-istabbiliment
32.	20020601	Zakład spozywczy "KABO" S.J. jawna

Settur tal-ħut

Lista inizjali

Nru	Nru Veterinarju	Isem l-istabbiliment
5.	10141801	PPH "Morfish",
24.	28031801	"Atryb" Sp. z o.o
28.	28111801	PPHU "Tamir" M. Ilicz

Settur tal-ħalib

Lista inizjali

Nru	Nru Veterinarju	Isem l-istabbiliment
12.	04081601	PPHU "Agromlecz" Sp. z o.o
21.	08041603	ZPS i H H. Kuzma
44.	14041601	OSM Sanniki
62.	24021606	"Grzesmlecz" S.A. Bielsko-Biała Zakład Produkcji Bystra
63.	24031601	OSM Skoczów
64.	24641601	Czestochowska SM "Mleczgal"
79.	26061601	OSM w Bidzinach
98.	30131601	Mleczarnia J. Korbik
104.	30201602	OSM Kowalew – Dobrzyca, Zakład Dobrzyca
105.	30211605	Akademia Rolnicza Rolnicze Gospodarstwo Doswiadczalne AR "Złotniki"